MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 620/2004/1

**Antonia *sive* Tania Baldacchino armla minn Joseph Baldacchino; u Petra Lindsay mart David u Luana xebba aħwa Baldacchino**

**v.**

***Balda Enterprises Limited*; u Maria Grima Baldacchino bħala azzjonista u direttriċi tal-istess kumpannija, u Gordon Grima Baldacchino bħala direttur tal-istess kumpannija u għal kull interess li jista' jkollhom.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikorsipprezentat fis-16 ta' Awwissu, 2004, li jaqra hekk:
"Illi Joseph Baldacchino, li jigi zewg ir-rikorrenti Antonia Baldacchino missier ir-rikorrenti l-ohra Petra Lindsay u Luana, xebba, ahwa Baldacchino, miet fis-26 ta' Jannar 2003 kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt Dok A

"Illi l-istess Joseph Baldacchino kellu hamsin fil-mija (50%) sehem fil-kumpanija intimata BALDA ENTERPRISES LIMITED (Memorandum & Articles esebiti bhala Dok B) fis-sens illi f'din il-kumpanija (li b'kollox ghandha 4,000 ishma) huwa kellu personalment sitt mija u wiehed (601) azzjoni u kellu l-kontroll assolut tal-kumpanija LUX LIMITED (C3760) li ghandha elf tlett mija disgha u disghin (1399) azzjoni fl-istess kumpanija intimata. Fil-fatt qed jigi wkoll esebit bhala Doc C il-Memorandum & Articles tal-kumpanija LUX LIMITED li juri li Joseph Baldacchino kellu hames mija disgha u disghin minn sitt mitt azzjoni (599/600) u kien direttur u segretarju tal-kumpanija u kellu r-rapprezentanza legali u gudizzjali taghha.

"Illi mill-banda l-ohra l-intimata MARIA GRIMA BALDACCHINO (oht il-mejjet Joseph Baldacchino) tippossjedi l-hamsin fil-mija (50%) l-ohra fl-istess kumpanija intimata BALDA ENTERPRISES LIMITED peress li ghandha l-istess numru ta' azzjonijiet f'isimha personali u ghandha l-kontroll assolut tal-kumpanija azzjonista l-ohra SIMPLEX LIMITED.

"Illi l-istess Joseph Baldacchino u Maria Grima Baldacchino kienu l-unici zewg diretturi tal-kumpanija ntimata u kellhom konguntivamanet ir-rapprezentanza legali u guridika taghha.

"Illi l-wirt tal-imsemmi Joseph Baldacchino ddevolva nkwantu ghal kwart fuq l-armla tieghu l-esponenti Antonia Baldacchino u nkwantu ghat-tlett kwarti l-ohra fuq iz-zewg uliedu u cioe` l-esponenti Petra llum mizzewga Lindsay u ohtha Luana li ghadha xebba. Dan kollu jirrizulta mit-testment '*unica carta*' datat 28 ta' Ottubru 1985 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar li qed jigi esebit bhala Dok. D.

Ghalhekk, peress li l-kumpaniji kollha fuq imsemmija saru matul iz-zwieg, l-esponenti Antonia Baldacchino ghandha nofs l-azzjonijiety li kienu registrati f'isem zewgha u l-kwoti derivanti mill-wirt ta' Joseph Baldacchino jirrigwardaw biss in-nofs l-iehor tal-azzjonijiet li kienu registrati f'ismu.

"Illi l-kumpanija intimata Balda Enterprises Limited hija bazikament "*a property holding company*" u cioe` tippossjedi proprjeta` ta' valur konsiderevoli li, f'dawn l-ahhar snin l-intimata Maria Grima Baldacchino u huha Joseph Baldacchino kienu qeghdin jippruvaw jilhqu ftehim sabiex ibieghu peress li nqalghu kwistjonijiet bejniethom u kwindi riedu jillikwidaw il-kumpanija.  Apparti din il-proprjeta` imbaghad il-kumpanija tircievi diversi cnus minn diversi diretti dominji liema cnus suppost jingabru mill-intimata Maria Grrima Baldacchino.

"Illi meta inqala' l-inkwiet bejn l-intimata Maria Grima Baldacchino u huha fis-<u>sena 1999</u>, Joseph Baldacchino kien ha parir dwar il-valur tal-proprjeta` li kellha l-kumpanija, ghal fini sabiex tkun tista' timbiegh u b'hekk kien hareg bis-segwenti assi u valuri dwar uhud mill-assi.

"(a) Terran 87, St. George's Road, Paceville, St. Julians b'valur ta' Lm120,000 (mija u ghoxrin elf lira).

"(b) Blokk bini li kien uzat bhala nightclub bl-isem "Bohemia", St. George's Road, Paceville, St. Julians, b'valur ta' Lm900,000 (disa' mitt elf lira).

"(c) Flat 5, Beluga Flats, Ramla Road, Marsascala b'valur ta' Lm18,500 (tmintax-il elf u hames mitt lira).

"(d) 9/10 (disgha minn ghaxra) sehem indiviz tal-koncessjoni emfitewtika temporanja tal-Mithna li qeghda 230, St Margret Street, Siggiewi – ma kienx gie stabilit valur.

"(e) 9/10 (disgha minn ghaxra) sehem indiviz tal-koncessjoni emfitewtika temporanja tal-porzjon art ta' circa 315.6 m.k. (tlett mija u hmistax punt sitta metri kwadri) konfinanti ma' Dr. Nikola Zammit Street u St.

Margaret Street, Siggiewi, (kompris fl-imsemmija art, dar fi stat ta' gebel u saqaf maghrufa bhala 'Ic-Carru') – ma kienx gie stabilit valur.

"(f) 9/10 (disgha minn ghaxra) sehem indiviz tal-koncessjoni emfitewtika temporanja tal-porzjon art ta' circa 215.2 m.k. (mitejn u hmistax punt tnejn metri kwadri) konfinanti ma' Karceppu Street u Dr. Nikola Zammit Street, Siggiewi, kompriz numru ta' garages, hwienet u maisonette – ma kienx gie stabilit valur izda l-kumpanija tircievi renditi annwali mill-kirjiet u cnus tal-immobbli li suppost qed jingabru mill-intimata Maria Grima Baldacchino.

"(g) Id-dritt tal-kirja ta' zewg imhazen fi New Street u Liesse Street, Valletta.

"(h) Il-Van KIA Ceres Reg Nru AAQ 365 li qieghed fil-pussess esklussiv tal-intimata Maria Grima Baldacchino.

"(i) Kont bankarju tal-kumpanija mal-fergha tal-Belt tal-Lombard Bank plc.

"Illi bil-mewt ta' Joseph Baldacchino, l-ishma, tmexxija u kontroll ta' nofs il-kumpanija ntimata suppost ghadda f'idejn l-esponenti bhala eredi tieghu izda dan seta' jsir biss wara li ssir id-debita denunzja "*causa mortis*" tax-shares fil-kumpaniji li ntirtu mill-esponenti. Biex din id-denunzja setghet issir, ix-shares riedu jigu stmati u biex issir din l-istima l-accountants tal-kumpanija, cioe` Grant Thornton, kellhom suppost jaghmlu l-*audited accounts* tal-kumpanniji, li l-ahhar *audited accounts* taghhom jirrisalu ghas-sena 1997. Kif jidher mill-annessa ittra datata 15 ta' Lulju 2004 mibghuta minn Grant Thortnton (Dok E), minkejja li oltre sena u nofs ilu l-accountants bdew minnufih imexxu biex jaghlqu l-accounts necessarji u b'hekk tkun tista' ssir stima tal-ishma in kwistjoni, dawn l-accounts ghadhom sallum mhux lesti ghaliex fi kliemhom "we cannot conclude the work as we still need further documentation and explanations from the director".

"Illi hareg car, kif imfisser fil-paragrafu sussegwenti, li dan in-nuqqas daparti tal-intimata Maria Grima Baldacchino bhala direttrici tal-kumpanija intimata huwa wiehed volut u intenzjonat sabiex fil-frattemp taghmel li trid bil-kumpanija u l-assi taghha bi pregudizzju enormi, illegali u abuziv ghad-dannu tal-esponenti.

"Illi dan kollu jirrixulta car mis-segwenti:
"(a) Skond il-klawsola 4.iv tal-Articles of Association tal-kumpanija intimata (gia` esebit bhala Dok B), f'kaz ta' mewt ta' direttur (f'dan il-kaz Joseph Baldacchino), il-Bord tad-Diretturi (f'dan il-kaz l-intimata Maria Grima Baldacchino) inghata d-dritt li jimla l-post vakanti ta' direttur billi jaghzel persuna li jibqa' fil-kariga sal-Laqgha Generali Annwali tal-kumpanija. B'dan il-mod il-kumpanija tkun tista' topera regolarment ghaliex ikun hemm zewg diretturi kif previst, billi l-quorum ghat-tmexxija fil-Bord huwa zewg diretturi – klawsola 4.vi.b. tal-Articles.

"(b) L-intimata, minflok ghazlet lil wahda mill-esponenti kif kien gust u logiku li jsir, fis-7 ta' Awwissu 2003 innominat lill-istess binha Gordon Grima Baldacchino (l-intimat l-iehor) kif jidher mill-kopja tal-Form K iffirmata minnh stess li ntbaghtet lil MFSA hawn esebita bhala Dok F.

"(c) Mill-mewt ta' Joseph Baldacchino sallum, l-intimata qatt ma sejhet Laqgha Generali Annwali.

"(d) F'dawn l-ahhar granet l-esponenti skoprew li minghajr il-kunsens u konoxxenza taghhom, l-intimata Maria Grima Baldacchino u binha, l-intimat l-iehor, permezz ta' kuntratt datat 30 ta' April 2004 fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil (Dok G) bieghu lis-socjeta` Lifetime Limited it-terran 87, St. Georges Street, Paceville, St. Julians, bil-prezz ta' Lm100,000 (mitt elf lira).

"(e) Hemm hafna dubji dwar ir-regolarita` tan-negozju ndikat fis-subparagrafu precedenti ghaliex:

“(i) Il-prezz ta’ Lm100,000 indikat fil-kuntratt huwa hafna baxx tenut kont li hames snin ilu l-mejjet Joseph Baldacchino kellu stima tieghu ta’ Lm120,000 tieghu.

“(ii) Alla jbierek, il-kumpanija akkwirenti ma hallset l-anqas lira bhala depozitu fuq il-konvenju u l-prezz kollu tal-akkwist thallas dakinhar tal-bejgh definittiv.

“(iii) Il-kumpanija intimata mhijiex qeghda f’xi qaghda finanzjarja hazina li kellha bzonn li tbiegh xi proprjeta` b’valur ridott.

“(iv) Li kieku dan in-negozju kien wiehed trasparenti, ma kienet tezisisti ebda skuza sabiex l-intimati ma jinfurmawx bin-negozju li kien qed isir lill-esponenti, li fuq kollox huma ntitolati ghal nofs dak li kien jigi rikavat mill-bejgh.

“Illi mis-suespost jidher li l-intimata Maria Grima Baldacchino abbuzat mill-fakolta` moghtija mill-klawsola 4.iv tal-Articles sabiex tassumi kontroll assolut tal-kumpanija ntimata billi tinnomina lil binha bhala direttur minflok timxi mal-ispirtu ta’ tali klawsola fis-sens li l-eredi tad-direttur li miet (u li kellu sehem ta’ nofs il-kumpanija), xorta wahda jkunu jistghu jippartecipaw fit-tmexxija taghha minkejja li jkunu ghadhom mexjin il-proceduri ghar-registrazzjoni tal-ishma f’isimhom.

“Illi mis-suespost jidher ukoll li bil-manuvra ta’ nomina ta’ binha bhala direttur u bin-nuqqas taghha u ta’ binha li jadempixxu l-obbligi taghhom skond il-ligi sabiex l-accounts jigu finalizzati u sabiex tissejjah laqgha Annwali Generali, l-intimati Maria Grima Baldacchino u Gordon Grima Baldacchino qeghdin jippruvaw jirrendu l-mizura temporanja prevista fil-klawsoal 4.iv tal-Articles bhala wahda permanenti.

“Illi inoltre l-mod ta’ kif sar it-trasferiment tat-terran fuq imsemmi jindika potenzjal car u reali li jsiru trasferimenti ohra tal-assi tal-kumpanija ntimata minghajr il-konsapevolezza jew approvazzjoni tal-esponenti.

“Ghaldaqstant in vista ta’ dan kollu, ir-rikorrenti bir-rispett jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha *ai termini* tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta tiehu dawk il-mizuri u taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni, li jidhrilha xieraq skond il-ligi, sabiex fost l-ohrajn:

“1. Tordna lill-intimati Maria Grima Baldacchino u Gordon Grima Baldacchino sabiex, fi zmien qasir u perentorju, jaghtu d-dokumentazzjoni, informazzjoni u spjegazzjonijiet kollha rikjesti minn Grand Thornton sabiex dawn ikunu jistghu jiffinalizzaw l-accounts tal-kumpanija intimata mehtiega biex tkun tista’ ssir stima tal-ishma tal-istess kumpanija, that sanzjoni, fin-nuqqas, ta’ disprezz tal-Awtorita` tal-istess Qorti.

“2. Tordna lill-intimati Maria Grima Baldacchino u Gordon Grima Baldacchino, bhala l-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija ntimata, sabiex appena tkun saret id-denunzja “causa mortis” tal-ishma tal-mejjet Joseph Baldacchino fil-kumpanija intimata, huma jirrgistraw it-trasmissjoni tas-sitt mija u wiehed (601) azzjoni f’isem l-esponenti Antonia sive Tania Baldacchino (peress li din ser tkun anke tirraprezenta liz-zewg uliedha) u tordna li tali registrazzjoni tal-ishma tjgi notifikata minnufih lir-Registratur tal-Kumpaniji, kollox that sanzjoni ta’ disprezz ta’ l-Awtortia` ta’ din il-Qorti.

“3. Tordna li, fi zmien qasir u perentorju mid-data tar-registrazzjoni tal-ishma skond it-talba precedenti, l-intimati Maria Grima Baldacchino u Gordon Grima Baldacchino jsejhu Laqgha Generali Annwali sabiex ‘inter alia’ (a) jigi elett direttur minflok l-itnnimat Gordon Grima Baldacchino; (b) jinghata rendikont shih tal-operat taghhom fl-amministrazzjoni tal-kumpanija fil-perjodu bejn id-data tal-mewt ta’ Joseph Baldacchino u d-data tal-istess Laqgha, inkluz kull spjegazzjoni mitluba dwar it-trasferiment tat-terran fuq imsemmi; (c) jinghata lir-rapprezentant tal-esponenti f’tali laqgha statement ufficjali ta’ kull kont bankarju tal-kumpanija ntimata li jkun jindika t-transazzjonijiet li saru bejn id-data tal-mewt ta’ Joseph Baldacchino u d-data tal-laqgha Annwali Generali; dan kollu taht sanzjoni ta’ disprezz tal-Awtorita` ta’ din il-Qorti.

“4. Tawtorizza liill-esponenti sabiex fil-laqgha Annwali Generali fuq imsemmija, huma jkunu jistghu jigu assistiti minn avukat u accountant tal-fiducja taghhom li jkollhom ukoll il-fakolta` li jitolbu kull spjegazzjoni opportuna dwar dak li jigi diskuss fil-laqgha.

“5. Tipprojbixxi minn issa stess lill-intimati Maria Grima Baldacchino u lil Gordon Grima Baldacchino sabiex, sakemm ma ssirx l-laqgha Annwali Generali skond it-termini msemmija fit-talbiet precedenti, huma ma jiddisponux b’xi mod u/jew bi kwalsiasi titolu mill-assi mobbli u immobbli nkluz kontijiet bankarji tal-kumpanija minghajr il-kunsens ta’ mhux inqas minn wiehed u hamsin fil-mija (51%) tal-azzjonijiet kollha tal-kumpanija, that sanzjoni ta’ nullita` tal-att ta’ trasferiment u/jew koncessjoni ta’ xi titolu.

“6. Tordna lil kumpanija ntimata sabiex tiehu l-passi opportuni ghal xi att jew atti rregolari ta’ amministrazzjoni li jirrizultaw li saru wara li jkun inghata r-rendikont imsemmi fit-talba tlieta (3).

“Bl-ispejjez kontra l-intimati.”

Rat ir-risposta ta’ Maria Grima Baldacchino (fol. 76) li in forza taghha wiegbet:
“2. Illi jinghad mill-ewwel illi r-Rikors promotur jipprezenta verzjoni inkompleta u parzjali tal-fatti illi twassal ghal perspettiva mghawga u “*slanted*” tal-fatti;

“3. Illi l-ewwel fatt illi l –esponenti thoss illi ghandu jigi senjalat huwa sfond ta’ oppozizzjoni, tfixkil, azzjoni vendikativa u akrimonija illi sfortunatament ikkoaratterizzat ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet; kien ghalhekk illi wara d-decess ta’ Joseph Baldacchino illi f’laqgha formali tal-azzjonisti u l-eredi ta’ Joseph Baldacchino u tal-Bord tad-Diretturi, kif jirrizulta minn minuti ta’ laqgha ta’ illi l-proprjeta` tigi likwidata u tinbiegh, kopja Dok “A”: dan ghaliex kien car illi l-konvivenza bejn iz-zewg familji kienet saret aktar difficli u imprattikabbli;

"4. Illi l-isfond tal-kumpannija Balda Enterprises Limited kien illi l-azzjonisti kienu Lux Limited (azzjonijiet proprjeta` ta' Joseph Baldacchino) u Simplex Limited (azzjonijiet proprjeta` ta' Maria Grima Baldacchino) u l-beneficjarji ahhara kienu Joseph Baldacchino (+) u Maria Grima Baldacchino, ahwa Baldacchino flimkien, mhux kawzalment, imma b'intenzjoni specifika illi *pro tempore*, is-sopriviventi minnhom jibqa' fit-tmexxija u jinnomina direttur ta' fiducja sal-laqgha generali annwali li jmiss; il-punt tan-nomina ta' Gordon Grima Baldacchino kien perfettament legali u validu u skond l-ispirtu tal-intenzjonijiet tal-azzjonisti meta sar;

"5. Illi l-kumpannija minhabba d-dizgwid bejn iz-zewg azzjonisti ahwa Baldacchino minn zmien qabel id-decess ta' Joseph Baldacchino kellh diffikulta` biex tiffinalizza il-Financial Statements skond il-Ligi. L-ahhar li saru kienu tal-1997, u tant illi meta fil-hajja terrestri ta' Joseph Baldacchino, kien gie depozitat Rikors (illum cedut stante id-decess ta' Joseph Baldacchino) sabiex il-Qorti tordna u taghti provvedimenti dwar il-Financial Statements – kopja tal-Atti esebita Dok "B"; illi dejjem in tema ta' Financial Statements, l-esponenti kienet istitwiet procedura sabiex tirkupra d-dokumenti tas-socjeta` li kien f'idejn terzi u irnexxilha tirkuprahom: dawn kienu zewg truckloads dokumenti imhalltin b'rimizolji ohra, kollha fi stat hazin, imxarrab, mahmugin u umdati. B'danakollu, ikkonsenjat li setghet lill-Udituri. Fil-fatt tat istruzzjonijiet lill-Udituri Grant Thorton, kif huma stess jirrikonoxxu, biex jibdew u jikkonkludu l-verifika; prova ohra ta' l-is*lant* hija illi fid-dokument "E" esebit mir-rikorrenti, ma ssemmietx l-ewwel parti tat-tielet paragrafu fejn jinghad illi "*Following Mr. Baldacchino's demise, Mrs Maria Grima Baldacchino, as Director of Balda Enterprises Limited instructed us to bring to the company's accounts up to date and to audit them. We immediately undertook the assignment and processed all available information but we cannot conclude the work as we still need further documents and explanations from the director*". L-esponenti tghid illi ghamlet kull ma setghet biex tehdilhom id-dokumenti u l-informazzjoni u qed taghmel li tista' biex jingabar dak restanti;

"6. Illi jissemma' wkoll illi l-esponenti ghamlet personalment avanzi sostanzjali ta' flus a beneficcju tas-socjeta` (ammontanti circa almenu Lm10,000 piu`) u liema ammonti ghadhom sallum talvolta pendenti; inoltre jigi rilevat illi dawn il-financial statements ma jitghux jigu kompletati minghajr il-kooperazzjoni u interventi tal-eredi ta' Joseph Baldacchino rikorrenti;

"7. Illi l-esponenti qeghdha tippresta l-kooperazzjoni taghha kkollha sabiex isiru dawn il-financial statements u l-Laqgha Generali ssir skond il-Ligi meta dawn ikunu finalizzati; ukoll kwantu ghall-asserzjoni tar-rikorrenti illi ma jistghux jirregistraw l-azzjonijiet minhabba n-nuqqas tal-financial statements, l-esponenti tghid illi r-rikorrenti anqas hadu l-briga illi jaghmlu d-dikjarazzjoni causa mortis kif trid il-Ligi u anqas il-valutazzjoni tal-proprjetajiet sabiex isir it-trasferiment tal-azzjonijiet, dan tenut kont illi hija property holding company.

"8. Illi kwantu ghat-trasferimenti li hemm riferenza ghalihom, l-esponenti tghid illi fid-dawl tas-suespost u ta' dak li gie deciz, il-bejgh sar skond valur gust u reali u ghandha f'idejha l-istima ta' zewg Periti li ijindikaw illi l-prezz huwa wiehed reali; kwantu ghall-informazzjoni, din kienet sser tinghad f'waqtha u waqt assemblea formali tal-azzjonisti meta din setghet issir; dan ukoll irid wiehed jarah fil-kuntest ta' komunikazzjoni mhux facli bejn iz-zewg familji. Jissemma' illi r-rikavat qieghed fil-kontijiet tas-socjeta` u issa l-ispejjez u kontijiet rikorrenti tal-kumpannija almenu qed jithallsu minn dak ir-rikavat u mhux affrontati u avanzati kif qed isir s'issa minn Maria Grima Baldacchino;

"9. Illi r-riferenza ghall-abbuz u l-manuvri huma biss asserzjonijiet gratuwiti, animate mill-ispirtu illi ilu jamina r-relazzjonijiet. Fuq kollox, kull att li sar huwa wiehed pubbliku, facilment verifikabbli, soggett ghall-verifika tal-Udituri u l-esponenti taf tajjeb illi trid taghti rendikont tal-gestjoni taghha lill-azzjonisti kollha;

“10. Illi kwantu ghalhekk ghat-talba illi jigu finalizzati l-financial statements, l-esponenti tghid illi ghamlet u qed taghmel kull ma setghet. Dwar dan tista’ tixhed u jissemma’ illi l-kooperazzjoni min-naha ta’ Joseph Baldacchino u l-eredi tieghu kienet u ghadha nieqsa;

“11. Illi kwantu talba li l-azzjonijiet jigu registrati f’isem Tania Baldacchino, l-esponenti tghid illi hija disposta timxi skond il-Ligi u t-testment ta’ Joseph Baldacchino u allura t-talba ghar-registrazzjoni ghandha tifiehem f’dan is-sens; jekk ir-rikorrenti Tania Baldacchino trid tirraprezenta lil uliedha bhala azzjonisti ghandha l-mezzi bil-prokura li ttiha l-ligi;

“12. Illi kwantu ghal-laqgha generali, l-esponenti tghid illi din tissejjah skond il-Ligi fejn jigu pprezentati l-financial statements u l-assemblea tilhaq id-deliberazzjonijiet taghha skond il-Ligi u l-Istatut. Tirribadixxi ghal darb’ohra li qed taghmel kull ma tista’ sabiex l-Audits jigu finalizzati. L-esponenti ma ghandha ebda diffikulta` li twiegeb fuq li taf dwar il-gestjoni tas-socjeta` kif mitlub. Pronta taghti statements bankarji kif mitluba, li jkunu normalment ghand l-Udituri.

“13. Illi dwar it-talba li r-rikorrenti jkunu assistiti f’laqgha anwali minn Avukat u Uditur, l-esponenti toggezzjona ghaliex dan mhux il-mod normali li jsiru laqghat simili: ma jidhirx illi hemm dritt legali ghal dan; ir-rikorrenti ghandhom mezzi tal-prokura skond il-Ligi;

“14. Illi dwar il-hames u s-sitt talba, diin trid tigi trattata u definita fil-kuntest tal-kwadru tar-rikors kollu. L-esponenti tichad li ghamlet xi att irregolari ta’ amministrazzjoni.”

Rat ir-risposta tas-socjeta` Balda Enterprises Ltd. (fol. 87) li in forza taghha wiegbet:
“1. Illi l-fatti kontenuti fl-ewwe paragrafu tar-rikors mertu ta’ dawm il-proceduri m’humiex ikkontestati;

“2. Illi l-fatti kontenuti fit-tieni paragrafu ghandhom jigu kwalifikati stante li Joe Baldacchino ghandu sitt mija u

wiehed ishma, filwaqt li Lux Limited, entita` separata fil-Ligi, ghandha elf tlett mija u disgha u disghin azzjoni;

“3. Illi l-fatti kontenuti fit-tielet paragrafu m’humiex kontestati, salv ghall-istess kwalifika fuq esposta;

“4. Illi l-fatti kontenuti fir-raba’ paragrafu m’humiex kontestati;

“5. Illi s-socjeta` esponenta ma tistax tikkummenta fuq il-fatti allegati fil-hames paragrafu dwar min huma l-werrieta ta’ Joseph Baldacchino stante li r-ricerki testamentarja ma gewx pprezentati mar-rikors;

“6. Illi l-fatti kontenuti fis-sitt paragrafu m’humiex ikkontestati b’dan pero` li proprjeta` partikolari, u cioe` dik maghrufa bhala “Bohemia” gewwa Paceville, hija ta’ natura kummercjali, b’licenji kummercjali u kienet tigi operata mill-istess socjeta`;

“7. Illi inoltre s-socjeta` esponenta qed tesebixxi kopja ta’ minuti ta’ laqgha mizmuma fit-12 ta’ Novembru 2003, bejn id-diretturi u l-azzjonisti fejn intlahaq ftehim fi principju dwar kif is-socjeta` kellha tipprovdi ghal-likwidazzjoni tal-interessi taghha;

“8. Illi s-socjeta` esponenta ma tistax tikkummenta dwar il-fatti allegati fis-seba’ paragrafu in kwantu m’ghandhiex fil-pussess taghha l-valuri indikati fl-istess paragrafu tar-rikors;

“9. Illi b’riferenza ghall-fatti kontenuti fit-tmien paragrafu, jigi rilevat illi l-shma ta’ Joseph Baldacchino jigu trasmessi fuq il-werrieta skond il-procedura stabbilita fil-Companies Act 1995, u fl-istatut tal-kumpanija, liema procedura ghadha ma gietx segwita mill-werrieta;

“10. Illi r-riferenza fit-tmien paragrafu ghall-ittra tal-auditur datata 15 ta’ Lulju 2004, hija “misleading”, in kwantu r-rikorrenti ma jikkwotax il-partijiet kollha rilevanti tal-ittra. Fl-istess ittra, jinghad illi “Following Mr Baldacchino’s demise, Mrs Maria Grima Baldacchino, as

director of Balda Enterprises Limited, instructed us to bring the Company's accounts up to-date and to audit them".

"11. Illi b'riferneza ghall-fatti allegati fid-disa' paragrafu, dawn huma ghal kollox inveritieri, foloz u malizjuzi ghaliex kif jidher mill-istess ittra, kienet id-direttrici Maria Grima Baldacchino stess li talbet l-awdituri jiffinalizzaw l-"accounts" u jaghmlu l-audit. Illi kienet l-istess direttrici li fil-passat kellha tipprezenta rikors biex il-Qorti taghti provvediment dwar il-"financial statements" tal-kumpanija, u li kienet gabet minn idejn terzi zewg "truckloads" ta' dokumenti necessarji biex jigu ppreparati l-"accounts";

"12. Illi l-fatti kontenuti fl-ghaxar paragrafu sub-paragrafu (a) huma riflessjoni ta' klawsola fl-istatut li kienu ftehmu fuqha l-istess Maria Grima Baldacchino u Joe Baldacchino;

"13. Illi l-fatti kontenuti fis-sub-para (b) huma skorretti in kwantu l-istatut, kif approvat mill-istess Joe Baldacchino, ma jaghti l-ebda indikazzjoni jew gwida jew restirzzjoni dwar min ghandu jintghazel bhala t-tieni direttur mill-Bord ta' Diretturi f'kaz ta' mewt ta' wiehed mid-diretturi. Jigi rilevat li l-ishma m'humiex maqsumin f'xi klassijiet, kif donnu jridu jaghtu l-impressjoni r-rikorrenti;

"14. Illi b'riferenza ghall-fatti allegati fl-ghaxar paragrafu sub-paragrafu (c), is-socjeta` esponeneta tirrileva illi l-iskop ta' Annual General Meeting huwa sabiex jigu approvati l-"accounts" tal-kumpanija, u billi dawn ghadhom ma tlestux, u inoltre t-trasmissjoni tal-ishma ta' Joe Baldacchino ma gietx finalizzata, ma kienx hemm skop li jissejjah "annual general meeting". Fi kwalsiasi kaz, l-azzjonisti setghu jiehdu kull pass li jidhrilhom skond il-Ligi biex tissejjah laqgha jekk dawn dehrilhom li din ma kenitx qed tissejjah bi skop – haga li r-rikorrenti m'ghamlux;

"15. Illi b'riferenza ghall-fatti allegati fis-sub-paragrafu (d) jigi rilevat illi, kuntrarjament ghal dak allegat, id-decizjoni li jigu lilkwidati l-interessi tas-socjeta` intimata

kienet ittiehdet fil-laqgha tat-12 ta’ Novembru 2003. Di kwalsiasi kaz, la darba is-socjeta` intimata hija, kif deskritta mill-istess rikorrenti “a property holding company”, huwa fil-poter tal-Bord tad-Diretturi li jiddisponu minn proprjeta` tal-istess socjeta`. Fil-fatt, a tenur tal-Artikolu 4(IX) tal-Articles of Association tal-kumpanija esponenta:-

“The Board of Directors shall have the powers:-

“a. To bind the Company in favour of third parties and third parties in favour of the Company in all matters not expressly reserved for the decision of a General Meeting”;

“Illi la darba il-bejgh ta’ proprjeta` m’hijiex xi haga esklussivament riservata ghal-laqgha generali tal-azzjonisti, id-decizjoni ta’ bejgh ta’ proprjeta` hija xi haga fil-poter tal-Bord tad-Diretturi.

“16. Illi b’riferenza ghall-fatti allegati fis-sub-paragrafu (e), dawn huma kollha skorretti, in kwantu l-bejgh kien wiehed trasparenti, bi prezz li jirrifletti l-“market value” tal-istess proprjeta`;

“17. Illi b’riferenza ghall-fatti allegati fil-hdax-il paragrafu, ma kien hemm l-ebda abbuz minn Maria Grima Baldacchino, in kwantu l-klawzola 4.iv. tal-Articles, taghti l-jedd lill-Bord li jappunta persuna ohra bhala direttur f’kaz ta’ mewt ta’ Joseph Baldacchino jew ta’ Maria Grima Baldacchino. Imkien fl-Articles of Association ma hemm stipulat xi restrizzjoni dwar min jista’ jigi appuntat.

“18. Illi b’riferenza ghall-fatti allegati fit-tnax u t-tlettax-il paragrafu, dawn ma jirrizultawx;

“19. Illi b’riferenza ghall-ewwel talba kontenuta fir-rikors, din tikkoncerna l-intimati Grima Baldacchino, aktar milli lis-socjeta` esponenta. Fi kwalsiasi kaz, jigi rilevat li ma jirrizultax li dawn qed joqghodu lura milli jaghtu dokumentazzjoni, informazzjoni u spjegazzjoni biex jigi ffinalizzati l-“accounts” tal-kumpanija;

"20. Illi b'riferenza ghat-tieni talba, din ukoll tikkoncerna lill-intimati Grima Baldacchino, izda ghal kull buon fini, jigi rilevat illi l-azzjonijiet ta' Joseph Baldacchino ghandhom jigu trasmessi favur il-werrieta u skond il-Ligi;

"21. Illi b'riferenza ghat-tielet talba, il-laqgha generali ghandha tissejjah skond il-Ligi;

"22. Illi b'riferenza ghar-raba' talba jigi rilevat illi wiehed ghandu jsegwi l-Ligi dwar il-kumpaniji dwar min jista' jattendi, apparti l-azzjonisti, ghal-laqgha generali tal-kumpanija;

"23. Illi b'riferenza ghall-hames talba, jigi rilevat illi wiehed ghandu jimxi skond x'poter jaghti l-istatut u l-Ligi tal-Bord tad-Diretturi;

"24. Illi b'riferenza ghas-sitt talba, il-kumpanija tirrimetti ruhha ghal dak li jigi ordnat lilha skond il-Ligi, mill-Qorti.

Rat in-nota pprezentata minn Gordon Grima Baldacchino (fol. 102) li in forza taghha ghamel tieghu s-sottomissjonijiet gia` pprezentati minn Maria Grima Baldacchino;

Rat il-provvediment moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 2009, li in forza taghha iddecidiet fis-sens li
"1. tordna x-xoljiment tas-soċjetà intimata *Balda Enterprises Limited* b'seħħ millum u tordna wkoll l-istralċ tagħha;

"2. taħtar lid-ditta *Grant Thornton* bħala stralċjarju, bis-setgħat u d-dmiriijiet kollha taħt l-artt. 228 *et seqq*. tal-Kap. 386, b'dan illi l-istralċjarju għandu wkoll, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dawk is-setgħat u dmirijiet:

"a. wara li jikseb dikjarazzjoni fuq il-qagħda tas-soċjetà intimata kif irid l-art. 226 tal-Kap. 386, jagħmel rapport lill-qorti kif irid l-art. 227;

"b. jagħmel verifika dwar l-assi u d-djun tas-soċjetà intimata, u dwar il-gradwazzjoni tad-djun;

"c. jieħu taħt il-kustodja tiegħu jew il-kontroll tiegħu l-assi kollha tas-soċjetà intimata kif igħid u jrid l-art. 237 tal-Kap. 386;

"d. jagħmel jew jiddefendi kull azzjoni jew proċedimenti legali oħra fl-isem u fl-interess tas-soċjetà intimata;

"e. imexxi n-negozju tas-soċjeta intimata safejn dan ikun meħtieġ għall-benefiċċju tal-istralċ tagħha;

"f. jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' l-assi tas-soċjetà intimata.

"L-istralċjarju għandu jippreżenta r-rapport tiegħu mhux aktar tard minn tliet xhur millum.

"L-ispejjeż għal issa għandha tħallashom is-soċjetà intimata.

Dik il-Qorti tat dan il-provvediment wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Wara *iter* proċedurali twil u wara li ngħata provvediment fis-17 ta' Ġunju 2005 fuq uħud mit-talbiet tar-rikorrenti[1], saret ir-reġistrazzjoni tal-ishma ta' Joseph Baldacchino u fil-31 ta' Lulju 2008 saret ukoll laqgħa ġenerali tas-soċjetà[2]. Waqt dik il-laqgħa l-intimat Gordon Grima Baldacchino – li kien inħatar sakemm issir laqgħa ġenerali – irtira minn direttur, u kull naħa, dik tar-rikorrenti Baldacchino u dik tal-intimati Grima Baldacchino, ressqet kandidat għall-post battâl, bil-konsegwenza li ebda kandidat ma kiseb aktar mill-vot ta' nofs l-ishma u ma nħatar ħadd.

"Waqt is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2008[3] ir-rikorrenti talbu illi l-qorti tagħti rimedju effettiv għall-ħatra ta' direttur; l-intimati opponew għat-talba għax "rimedju bħal dak ma

---

1 *Foll.* 219 *et seqq.*
2 *Foll.* 324 *et seqq.*
3 *Fol.* 329.

hux il-meritu tal-proċeduri tallum”. Il-qorti, wara li stiednet lir-rikorrenti jagħmlu t-talba b’rikors u tat lill-intimati żmien biex iwieġbu, irriżervat illi tagħti “provvediment dwar jekk ir-rimedju [mitlub mir-rikorrenti] jistax jingħata f’dawn l-atti u wkoll jekk għandux jingħata”.
“Ir-rikorrenti għalhekk b’rikors tal-15 ta’ Jannar 2009[4] talbu illi l-qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa sabiex huma “jingħataw tmexxija fil-kumpannija intimata *pari passu* ma’ dak li preżentement tgawdi l-intimata Maria Grima Baldacchino jew li *addirittura* tordna l-istralċ tal-kumpannija intimata”. L-intimati wieġbu fit-23 ta’ Frar 2009[5] u oġġezzjonaw għat-talba għax qalu illi dik it-talba ma hijiex parti mill-meritu tal-proċeduri tallum.

“Il-provvediment tallum, skond dak li jgħid u jrid il-verbal tal-11 ta’ Diċembru 2008, huwa, l-ewwel, dwar jekk ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti jistax jingħata, u, imbagħad, dwar jekk għandux jingħata.

“Dawn tallum, kif rajna, huma proċeduri biex jingħata rimedju lil azzjonisti illi qegħdin iġarrbu preġudizzju minn kif qiegħda titmexxa soċjetà li fiha għandhom ishma. Fil-każ tallum, ir-rikorrenti, għalkemm għandhom ħamsin fil-mija (50%) tal-ishma, qegħdin ikunu mċaħħda minn kull sehem fit-tmexxija tas-soċjetà. Relevanti wkoll għall-każ tallum huwa l-fatt illi s-soċjetà intimata hija soċjetà “tal-familja” fejn it-tmexxija ma hijiex f’idejn barranin iżda f’idejn membri tal-familja u, sakemm miet Joseph Baldacchino, fuq il-bord tad-diretturi kien hemm rappreżentanza xierqa tal-interessi kollha tal-azzjonisti. Wara l-mewt ta’ Joseph Baldacchino, u, għandu jingħad, b’konsegwenza ta’ miżuri ostruzzjonisti min-naħa tal-intimati Grima Baldacchino, dawn tal-aħħar effettivament bdew imexxu s-soċjetà bħallikieku kienet tagħhom weħedhom.

“L-atteġġjament tal-intimati matul dawn il-proċeduri kien dejjem wieħed formalistiku, maħsub biex jagħmlu biss dak il-minimu sabiex jidhru li qegħdin iħarsu l-liġi iżda

---

4 *Foll.* 330 *et seq.*
5 *Foll.* 340 *et seq.*

materjalment baqgħu dejjem ifittxu li jagħmlu kull ostakolu biex ma jseħħx dak li, fl-aħħar mill-aħħar, huwa sewwa u xieraq li jseħħ, *i.e.* illi s-soċjetà ma tibqax titmexxa bħallikieku kienet tagħhom weħedhom.

“Jekk tintlaqa’ l-oġġezzjoni tal-intimati, il-proċeduri kollha li saru effettivament ikunu stultifikati, għax is-sitwazzjoni tkun baqgħet l-istess kif kienet, *i.e.* li s-soċjetà tkompli titmexxa bħallikieku kienet tal-intimati Grima Baldacchinio weħedhom. Il-qorti ma tistax tippermetti illi dan iseħħ, u ma tistax tibqa’ impotenti quddiem il-manuvri ta’ min ma jridx illi l-affarijiet isiru sew.

“Barra minn hekk, l-art. 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386], li taħtu sar ir-rikors li bih inbdew il-proċeduri tallum, jagħti lill-qorti s-setgħa ġenerika illi tagħmel ordni “li jirregola t-tmexxija ta’ l-affarijiet tal-kumpannija fil-futur”[6] jew li “ixolji l-kumpannija u jipprovdi għall-istralċ konsegwenzjali tagħha”[7].
“Kemm għax il-liġi hekk tgħid u kemm għax ma jistax ikun mod ieħor jekk għandu jingħata rimedju effettiv u mhux biss kosmetiku, il-qorti għandha s-setgħa li tagħti r-rimedju mitlub mir-rikorrenti.
Ir-rimedji mitluba huma illi l-qorti tagħti provvediment dwar il-ħatra ta’ direttur, li jkun ordni “li jirregola t-tmexxija ta’ l-affarijiet tal-kumpannija fil-futur”, jew inkella ixxolji l-kumpannija u tipprovdi dwar l-istralċ tagħha.

“Fiċ-ċirkostanzi, il-qorti ma tarax illi l-ħatra ta’ direttur ieħor jista’ jkun rimedju effettiv. Ma għandhiex l-iċken dubju l-qorti illi b’żewġ diretturi, wieħed minn kull naħa, jinħoloq dejjem u f’kull każ l-istess *impasse* li nħoloq waqt il-laqgħa ġenerali tas-soċjetà. Fiċ-ċirkostanzi, il-qorti ma tara ebda alternattiva għax-xoljiment u l-istralċ tas-soċjetà.“

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimati li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha thassar, tanulla u tirrevoka d-decizjoni tal-ewwel Qorti billi previa kull direttiva opportuna tichad it-talbiet attrici u

6 Art. 402(3)(*a*).
7 Art. 402(3)(*g*).

thassar, tirrevoka u tannulla l-ordni ghax-xoljiment tas-socjeta` Balda Enterprizes Limited bid-direttivi ancillari, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma l-provvediment moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2009 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet fuq premessi u b'hekk tichad l-appell tal-intimati appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Semghet id-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, li huma gew awtorizzati li jippresentaw anke wara li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza, u senjatament in-nota ta' Maria Grima Baldacchino tal-5 ta' Jannar 2010 u dik tal-appellati tat-12 ta' Jannar, 2010;

Ikkonsidrat:

Illi b'dawn il-proceduri r-rikorrenti qed jitolbu harsien kontra pregudizzju minn ghemil tas-socjeta` intimata li fiha ghandhom ishma; il-proceduri ittiehdu fit-termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-kors tat-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti nghataw zewg provvedimenti fuq it-talbiet tar-rikorrenti, wiehed fis-17 ta' Gunju, 2005, u iehor fit-30 ta' Gunju, 2009. Hu minn dan l-ahhar provvediment li l-intimati qed "jappellaw".

Qabel ma jigi trattat il-meritu tal-appell, trid tigi mistharrga l-pregudizzjali ossia l-punt preliminari li ssollevaw ir-rikorrenti fis-sens li l-appell huwa wiehed null stante li tressaq quddiem din il-Qorti minghajr il-permess specjali tal-ewwel Qorti kif jitlob l-artikolu 229(3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili f'kaz li l-provvediment ghandu natura ta' digriet, jew kif jitlob l-Artikolu 231 tal-istess Kodici f'kaz li jitqies sentenza preliminari.

Din il-Qorti, fis-sentenza li tat fis-27 ta' Novembru, 2009, fil-kawza **Shaw v. Shaw**, ippronunzjat ruhha fil-kuntest tal-precitat Artikolu 402, fis-sens li l-provvedimenti moghtija taht dak l-Artikolu ghandhom aktar in-natura ta' digrieti li m'humiex min-natura taghhom appellabbli ghal quddiem din il-Qorti. Hu veru li d-digriet li nghata f'dik il-kawza kien inghata in camera u mhux mill-Qorti bil-miftuh, kif inghata f'din il-kawza; pero`, din il-Qorti kienet osservat li meta wiehed iqabbel l-Artikoli 401 u 402 tal-istess ligi (l-Att dwar il-Kumpaniji), isib li fil-waqt li f'tal-ewwel il-ligi tipprovdi l-*iter* procedurali tas-smigh tar-rikors imressaq taht dak l-artikolu, bid-dritt ta' appell ghal quddiem din il-Qorti, l-Artikolu 402 ma jghid xejn fuq hekk, u, ghalhekk, il-legislatur ma riedx li l-procedura taht l-Artikolu 402 tkun l-istess bhal dik stabbilita fl-Artikolu 401. Din id-differenza ma tidhirx li mhix flokha. L-Artikolu 401 jikkontempla l-hrug ta' titolu ezekuttiv, waqt li l-Artikolu 402 jikkontempla rimedji kontra ingustizzji jew atti ta' pregudizzju ghall-membri milquta maghmula minn ufficjali tal-kumpanija. L-iskop ta' dan l-artikolu hu biex jekk ikun hemm intopp fit-tmexxija tal-kumpanija jew tkun qed issir xi haga bi hsara ta' xi membru, tintalab soluzzjoni malajr mill-Qorti, biex wara li din titqieghed fis-sehh, il-kumpanija, jekk hu possibbli, tkompli miexja; jekk dan ma jkunx possibbli, l-ordni tal-Qorti ghandu jxolji l-kumpannija u jipprovdi ghall-istralc taghha. L-ideja hi li, bl-intervent tal-Qorti, tigi eleminata b'mod tempestiv xi ingustizzja biex il-kumpanija tkun tista' tkompli tiffunzjona jew altrimenti li din tigi xolta. Fil-fatt, kif ighid il-Professur Andrew Muscat fil-ktieb tieghu **Principles of Maltese Company Law** (Edit. 2007 pagna 978)

*"…article 402 was inspired not by legalistic concepts but by the principles of justice and equity that recognised that legitimate expectations extended beyond the strict wording of the memorandum and articles of association and even that of the law itself."*

L-iskop ta' dan ir-rimedju hu biex il-membri tal-kumpanija jkollhom speci ta' arbitru, cioe`, il-Qorti, biex din issolvi xi impass li l-kumpanija tkun sabet ruhha fiha. Ma kenitx intiza li t-talba tigi trattata bhal kawza ordinarja, ghax l-

iskop hu biex jinghata rimedju malajr ghall-problemi *ad hoc* li jinqalghu waqt it-tmexxija ta' kumpanija.

Fl-Ingilterra, fejn jezisti artikolu tal-ligi simili (Art. 459(1) tal-Companies Act), l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu spicca jinvolvi lill-Qorti f'diskussjoni dettaljata tat-tmexxija tal-kumpanija, tant li gew emendati is-Civil Procedure Rules tal-Ingilterra biex l-ordnijiet taht dawk l-artikoli jinghataw malajr kemm jista' jkun. Qabel ma saru dawn l-emendi, fil-fatt, fil-kawza **Profinance Trust SA v. Gladstone**, deciza fl-Ingilterra fl-2002, (1BCLC 141) Robert Walker LJ innota

*"It is well known among lawyers that although ss 459-461 were intended to provide a fairly summary remedy for minority shareholders who have been unfairly prejudiced, proceedings under the sections often become bogged down in a mass of written evidence containing numerous accusations and counter-accusations reminiscent of petitions and cross-petitions alleging cruelty under the old divorce law".*

Il-ligi trid li l-Qorti taghti "ordni" (mhux sentenza jew decizjoni) wara talba li ssirilha b'rikors, u ghalkemm tista' tappunta l-istess rikors ghas-smigh, trid taghmel dan fl-iqsar zmien possibbli biex il-hidma tal-kumpanija ma tigix imwaqqfa jew ostakolata ghal zmien twil ghal xejn. It-talba m'ghandhiex tithalla tigi "bogged down in a mass of written evidence", u l-ordni li jinghata ghandu jkun effettiv. Kien, ghalhekk, li din il-Qorti pprovdiet kif ipprovdiet fil-kawza **Shaw v. Shaw** aktar qabel imsemmija.

Apparti dan kollu, anke jekk, u dan ghall-grazzja tal-argument biss, it-talba in kwistjoni svolgiet bhala "kawza", jibqa' l-fatt li l-"kawza" ghadha ma gietx determinata, tant hu hekk li fl-istess provvediment, l-ewwel Qorti ordnat li "<u>ghal issa</u>" l-ispejjez kellhom jithallsu mis-socjeta` intimata, u fil-verbal tal-udjenza li fih ippronunzjat il-provvediment (kif iddeskriviet l-ordni l-ewwel Qorti), gie registrat li "s-smigh huwa differit" ghal data ohra. Kwindi, dak il-provvediment ma kienx wiehed finali, u dan l-appell – anke li kieku kien permess li jsir – ghandu jitqies null

peress li ma giex intavolat wara permess specjali mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-intimati appellanti billi tiddikjara l-istess irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

L-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jithallsu mill-intimati appellanti in solidum.

L-atti qed jigu rinvjati ghal quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------